# Kollezzjoni ta' postcards ta' bastimenti tal-gwerra tingħata lil Heritage Malta minn Giovanni Bonello

Heritage Malta

**Stqarrija | 25 ta' Awwissu 2022**

Kollezzjoni ta' aktar minn 1500 postcard li juru bastimenti tal-gwerra fil-portijiet ta' Malta ġiet ippreżentata lil Heritage Malta mill-Imħallef Giovanni Bonello biex titgawda mill-pubbliku fil-Mużew Marittimu.

Il-kollezzjoni, li bnieha kollha mill-bidu Giovanni Bonello nnifsu sa minn meta kien ġuvnott, tinkludi wkoll ritratti tad-daqs ta' postcard. Il-postcards u r-ritratti juru bastimenti tal-gwerra u sottomarini fil-portijiet Maltin bejn is-snin 80 tas-seklu 19 u s-snin 70 tas-seklu 20. Fi wħud jidhru xeni tassew rari, bħal dawk tal-bastimenti Breslau u Goeben fl-Ewwel Gwerra Dinjija, u għalhekk se jkunu parti important mill-kollezzjoni tal-Mużew Marittimu.

Il-postcards u r-ritratti ġew ippreżentati minn Giovanni Bonello lill-Kuratur Anzjan tal-Mużew Marittimu, Liam Gauci, fil-Mużew Marittimu stess. Giovanni Bonello qal li għalkemm din il-kollezzjoni hija għażiża ħafna għalih, ħass li jixirqilha tkun fil-Mużew Marittimu biex titgawda minn kulħadd. Huwa esprima t-tama li ħaddieħor isegwi l-eżempju tiegħu.

Min-naħa tiegħu, Liam Gauci radd ħajr lil Giovanni Bonello, f'isem Heritage Malta u l-poplu Malti, għal din l-għotja ġeneruża. Huwa qal li l-għotja ta' Giovanni Bonello tikkostitwixxi kollezzjoni unika li permezz tagħha wħud mir-ritratti se jiġu abbinati ma' artefatti – mill-bastimenti nfushom – li diġà jinsabu fil-Mużew Marittimu. Grazzi għat-Taqsima tad-Diġitizzazzjoni ta' Heritage Malta, il-pubbliku se jkun jista' jgawdi l-kollezzjoni mhux biss fiżikament iżda wkoll virtwalment.

+356 2295 4000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta